V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8883 — PPF Group/Telenor Target Companies)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 230/07)

1. Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PPF Group N.V. ("PPF", in-Netherlands);

— Telenor Bulgaria EAD (il-Bulgarija),

— Telenor Magyarország Zrt (l-Ungerija),

— Telenor Real Estate Hungary Zrt (l-Ungerija),

— Telenor Common Operation Zrt (l-Ungerija),

— Telenor d.o.o. Podgorica (il-Montenegro),

— Telenor d.o.o. Beograd (is-Serbja), flimkien "il-Kumpaniji fil-Mira".

PPF takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-Kumpaniji fil-Mira kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PPF huwa grupp multinazzjonali kbira b'rabta mal-finanzi u l-investiment li jiffoka fuq is-servizzi finanzjarji, il-finanzi tal-konsumatur, it-telekomunikazzjonijiet, il-bijoteknoloġija, is-servizzi bl-imnut, il-proprjetà immobbli u l-agrikoltura.

— Il-Kumpaniji fil-Mira huma prinċipalment attivi fit-telekomunikazzjonijiet, jaġixxu bħala operaturi tal-mobile fil-pajjiżi rispettivi tal-inkorporazzjoni tagħhom li għaliha huma għandhom il-liċenzji meħtieġa tat-telekomunikazzjonijiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8883 — PPF Group/Telenor Target Companies

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË